

31991L0410

17.8.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 228/67

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI**tat-22 ta' Lulju 1991****li taddatta għall-erbatax-il darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi**

(91/410/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 79/831/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha;

Billi, skond l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 67/548/KEE, reċipjenti li jkun fihom ċerti sustanzi perikolużi maħsuba għall-użu domestiku għandu jkollhom qfil li ma jstax jinfetaħ mit-tfal u/jew għandu jkollhom fuqhom avviż li jista' jinħass ta' perikolu;

Billi, skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/379/KEE ⁽³⁾, reċipjenti li jkun fihom ċerti kategoriji ta' preparazzjonijiet perikolużi offruti jew mibjugħa lill-pubbliku ġenerali għandhom ikunu għandu jkollhom qfil li ma jstax jinfetaħ mit-tfal u/jew għandu jkollhom fuqhom avviż li jista' jinħass ta' perikolu;

Billi l-forom kollha ta' pakketti li huma siguri biżżejjed għat-tfal, b'mod speċjali dawk definiti bi *standards* internazzjonali, jistgħu jkunu kkunsidrati bħala pakketti bi qfil li ma jstax jinfetaħ mit-tfal;

Billi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jirrigwardaw dawn id-dispożizzjonijiet huma mniżżla fl-Anness IX, partijiet A u B tad-Direttiva 67/548/KEE; billi l-Artikolu 19 tad-Direttiva 79/831/KEE jipprovdi li l-Anness IX joriġina mill-proċedura tal-Kumitat għall-Addattament għall-Progress Tekniku;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Addattament għall-Progress Tekniku tad-

Direttivi għall-Eliminazzjoni ta' Barrieri Tekniċi għall-Kummerċ f'Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

It-test ta' l-Anness IX għad-Direttiva 67/548/KEE qiegħed jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness għad-Direttiva preżenti.

Artikolu 2

1. Sa l-1 ta' Awissu 1992, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jipublikaw dawk id-dispożizzjonijiet li hemm bżonn sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva u għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan. Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 1992

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju 1991.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Viċi-President

⁽¹⁾ ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 259, tal-15.10.1979, p.10

⁽³⁾ ĠU L 187, tas-16.7.1988, p. 14.

L-ANNEX

It-test tal-Anness IX huwa sostitwit bit-test li ġej.

L-ANNEX IX

PART A

Dispożizzjonijiet relatati ma' qfil ta' kontenituri li ma jistax jinfetaħ mit-tfal1. *Pakketti li jistgħu jerġgħu jingħalqu*

Qfil ta' kontenituri li ma jistax jinfetaħ mit-tfal użati fuq pakketti li jistgħu jerġgħu jingħalqu għandhom jikkonformaw ma' l-ISO *standard 8317 (edizzjoni ta' l-1 ta' Lulju 1989)* dwar "Pakketti li ma jistgħux jinfetħu mit-tfal -Kondizzjonijiet u metodi ta' ittestjar għal pakketti li jistgħu jerġgħu jingħalqu" adottati mill-International Standard Organization (ISO).

2. *Pakketti li ma jistgħux jerġgħu jingħalqu (p.m.)*3. *Noti*

1. Evidenza ta' konformità ma' l-*istandard* msemmi hawn fuq tista' tiġi ċċertifikata biss minn laboratorji li jikkonformaw ma' l-*European Standards Series EN 45 000*.

2. *Każijiet speċifiċi*

Jekk ikun jidher ovvju li l-imbagg huwa sigur biżżejjed għat-tfal għaliex dawn ma jkunx jista' jkollhom aċċess għall-kontenut mingħajr l-għajnuna ta' xi għodda, it-test m'għandux għalfejn isir.

Fil-każijiet l-oħra kollha u meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita mis-sigurtà tal-qfil għal tifel jew tifla, l-awtorità nazzjonali tista' titlob lill-persuna responsabbli mit-tqegħid tal-prodott fis-suq biex jagħtiha ċertifikat maħruġ minn stabbiliment awtorizzat biex jagħmel it-testijiet kif spjegat hawn taħt, li jew

— it-tip ta' qfil huwa b'mod li m'hemmx bżonn li jiġi ttestjat bil-livell ta' l-ISO msemmi aktar '1 fuq,

— il-qfil ġie ttestjat u nstab li jikkonforma ma' l-*istandard* msemmi aktar '1 fuq.

Parti B

Dispożizzjonijiet dwar mezzi ta' twissija li jkunu jinħassu

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar mezzi ta' twissija li jista' jinħass għandhom jikkonformaw ma' l-EN *standard 272 (edizzjoni ta' l-20 ta'Awissu 1989)* dwar twissija ta'periklu li tista' tinħass.'